

Dispożittiv

L-Artikoli 184 sa 187 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxa fuq il-valur miżjud, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li tinkludi sistema ta' aġġustament applikabbli għall-proprjetà immobbli ta' investment li tipprevedi tqassim tal-aġġustament fuq diversi snin, li bis-saħħa tiegħu, matul l-ewwel użu tal-oġġett ikkonċernat, li jikkorrispondi wkoll għall-ewwel sena ta' aġġustament, it-tnaqqis kollu inizjalment imwettaq għal dan l-oġġett huwa s-suġġett ta' aġġustament f'darba, meta, ma' dan l-ewwel użu, kien jidher li dan it-tnaqqis ma jikkorrispondix għal dak li l-persuna taxxabblu kellha d-dritt li twettaq abbażi tal-użu effettiv tal-imsemmi oġġett.

(¹) ĠU C 122, 1.4.2019

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tal-15 ta' Ottubru 2020 – Deza, a.s. vs Il-Kummissjoni Ewropea, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Renju tal-Isvezja, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi.

(Kawża C-813/18 P) (¹)

(Appell – Ambjent – Regolament (KE) Nru 1272/2008 – Klassifikazzjoni, tikkettar u ppakkjar ta' ċerti sustanzi u taħlitiet – Regolament (UE) 2017/776 – Klassifikazzjoni tal-antrakinson – Sustanza li hija preżunta karċinoġenika għall-bnedmin – Żbalji ta' interpretazzjoni u ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1272/2008 u tal-prinċipju ta' ċertezza legali – Żnaturament tal-fatti u tal-provi – Portata tal-istħarriġ)

(2020/C 423/06)

Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek

Partijiet

Appellant: Deza, a.s. (rappreżentant: P. Dejl, avukat)

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: R. Lindenthal, K. Mifsud-Bonnici u Z. Malúšková, aġenti), ir-Repubblika tal-Finlandja (rappreżentant: S. Hartikainen, aġent), ir-Renju tal-Isvezja (rappreżentanti: inizjalment minn H. Eklinder, H. Shev, C. Meyer-Seitz, J. Lundberg u A. Falk, sussegwentement minn H. Eklinder, H. Shev u C. Meyer-Seitz, aġenti, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) (rappreżentanti: A. Hautamäki u M. Heikkilä, aġenti)

Dispożittiv

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Deza a.s. hija kkundannata tbat, minbarra l-ispejjeż tagħha stess, dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.
- 3) Ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Renju tal-Isvezja u l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom stess.

(¹) ĠU C 93, 11.3.2019.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba'Awla) tas-17 ta' Settembru 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Consiglio di Stato – l-Italja) – Burgo Group SpA vs Gestore dei Servizi Energetici SpA – GSE

(Kawża C-92/19) (¹)

(“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ambjent – Promozzjoni tal-koġenerazzjoni – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi skema ta' għajjnuna – Skema ta' għajjnuna favur installazzjonijiet ta' koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja li tmur lil hinn mill-31 ta' Diċembru 2010”)

(2020/C 423/07)

Lingwa tal-kawża: It-Taljan

Qorti tar-rinviju

Consiglio di Stato

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Burgo Group SpA

Konvenuta: Gestore dei Servizi Energetici SpA – GSE

Fil-preżenza ta': Ministero dello Sviluppo economico, Autorità per l'Energia elettrica e il Gas

Dispożittiv

L-Artikolu 12 tad-Direttiva 2004/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 fuq il-promozzjoni ta' koġenerazzjoni bbażata fuq id-domanda għal sħana utli fis-suq intern tal-enerġija u li temenda d-Direttiva 92/42/KEE, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti lil installazzjonijiet ta' koġenerazzjoni li ma għandhomx il-karatteristika li jkunu installazzjonijiet b'effiċjenza għolja, fis-sens ta' din id-direttiva, li jkomplu jibbenefikaw, anki wara l-31 ta' Diċembru 2010, minn skema ta' għajjuna għall-koġenerazzjoni, li permezz tagħha huma b'hekk b'mod partikolari eżentati mill-obbligu li jixtru ċertifikati hodur.

(¹) ĠU C 182, 27.5.2019.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tal-15 ta' Ottubru 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari ta' Mokestinių ginčų komisija prie Lietuvos Respublikos vyriausybės – il-Litwanja) – “Linas Agro” AB vs Muitinės departamentas prie Lietuvos Respublikos finansų ministerijos

(Kawża C-117/19) (¹)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Unjoni doganali – Regolament ta' implimentazzjoni (UE) Nru 999/2014 – Dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jeċċedi 80 % tal-piż – Definizzjoni – Regolament (KE) Nru 945/2005 – Determinazzjoni tal-kontenut ta' nitrat tal-ammonju – Preżunzjoni li skontha prodott b'kontenut ta' nitroġenu li jeċċedi 28 % tal-piż fih kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jeċċedi 80 % tal-piż)

(2020/C 423/08)

Lingwa tal-kawża: il-Litwan

Qorti tar-rinviju

Mokestinių ginčų komisija prie Lietuvos Respublikos vyriausybės

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: “Linas Agro” AB

Konvenut: Muitinės departamentas prie Lietuvos Respublikos finansų ministerijos

Dispożittiv

L-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 999/2014 tat-23 ta' Settembru 2014 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tan-nitrat tal-ammonju li joriġinaw mir-Russja wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009, moqri fid-dawl tal-premessi 20 sa 23 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 945/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 658/2002 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjoni tan-nitrat ta' l-ammonju li joriġina mir-Russja u r-Regolament (KE) Nru 132/2001 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjoni tan-nitrat ta' l-ammonju li joriġina, inter alia, mill-Ukraina, wara r-reviżjoni interim parzjali skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 384/96, għandu jiġi interpretat fis-sens li fertilizzant abbażi ta' nitrat tal-ammonju (AN) li l-kontenut ta' nitroġenu (N) tiegħu jeċċedi 28 % tal-piż, li r-relazzjoni bejn in-nitroġenu nitriku u n-nitroġenu ammonijaku tiegħu hija ta' madwar 1:1, u li l-kontenut globali ta' fosfru u ta' potassju tiegħu ma jaqbiżx 12 % tal-piż, jista' jiġi preżunt, bla ħsara għal kull prova kuntrarja, li għandu kontenut ta' nitrati tal-ammonju (AN) ta' iktar minn 80 % tal-piż għall-finijiet tal-impożizzjoni tad-dazju antidumping definittiv stabbilit minnu, mingħajr ma huwa neċessarju li titwettaq analiżi fil-laboratorju sabiex jiġi ddeterminat dan il-kontenut eżatt tan-nitrat tal-ammonju.

(¹) ĠU C 148, 29.04.2019.